**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Diċembru, 2024

Rikors Ġuramentat: 253/2020 AL

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur datat 23 ta' Diċembru 2020 li permezz tiegħu l-attur ppremetta kif ġej:

[1] Fol. 1.

*1. Illi minn relazzjoni li kellhom il-partijiet twieldet il-minuri E B D nhar it-8 ta' Novembru 2017. Madankollu, jigi rilevat li ghall-iskopijiet tal-intimata, l-esponent ma kienx registrat bhala missier il-minuri meta sar ic-certifikat tat-twelid.*

*2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet tkissret b'mod irrimedjabbli izda minkejja dan, u minkejja wkoll tal-fatt li l-esponent ma kienx imnizzel bhala missier naturali tal-minuri, l-esponent u familtu sa mill-bidunett kienu fundamentali u attivi fit-trobbija tal-minuri.*

*3. Illi dan l-involviment tal-esponent u familtu kien krucjali ghaliex matul it-tqala, l-intimata kienet qed tigi segwita mill-Agenzija Appogg minhabba d-diffikultajiet u instabbilità f'hajjitha. Di fatti, proprju ftit tal-jiem wara t-twelid tat-tifla, is-sezzjoni tas-Servizz ghall-Protezzjoni tat-Tfal fi hdan l-Agenzija Appogg bdiet issegwi u tosserva l-mod ta' kif qed titrabba t-tarbija.*

*4. Illi matul dawk l-ewwel snin ta' hajjitha, l-esponent u familtu kienu qeghdin joffru l-uniku sens ta' stabbilità ghall-minuri. L-Agenzija Appogg kienet konsapevoli ta' dan il-fatt u l-istess Agenzija kienet tinsisti mal-esponent sabiex jigi registrat formalment bhala missier naturali tal-minuri.*

*5. Illi l-esponent kien eventwalment gie registrat bhala missier naturali tal-minuri. Sussegwentement, infethu proceduri ta' medjazzjoni sabiex jigu regolarizzati materji ta' kura u kustodja, access u manteniment ghall-minuri.*

*6. Illi ebda ftehim ma seta' jintlahaq bejn il-partijiet għaliex l-aktar haga bazika, ir-residenza ordinarja tal-minuri qatt ma seta' jkun hemm qbil dwarha. Kien biss wara li sar rikors - b'zewg rapporti mill-Agenzija Appogg prezentati fil-mori – li nghata digriet nhar l-10 ta' Lulju 2020 fejn gie ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament f'idejn l-esponent.*

*7. Illi ebda ftehim fit-tul dwar il-minuri ma seta' jintlahaq ma' l-intimata u għalhekk kellha ssir din il-kawza. Il-partijiet gew awtorizzati jipprocedu fil-kontenzjuz permezz ta' digriet moghti nhar is-26 ta' Ottubru 2020 (ara Dok. 'A').*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa kull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna:*

*1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E B D esklussivament f'idejn l-esponenti u tordna li l-minuri ghandha tirresjedi mieghu;*

*2. Tistabilixxi modalità ta' access, b'salvagwardji addizzjonali hekk mehtiega, li l-intimata ghandha jkollha ghall-minuri;*

*3. Tillikwida retta alimentarja li l-intimata ghandha thallas lill-esponent ghall-bzonnijiet tal-minuri, liema retta alimentarja ghandha tinkludi fiha s-sehem ta' l-intimata ta' l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri, u tiffissa wkoll modalità sabiex tali retta tigi perjodikament awmentata;*

*4. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lill-esponent dik ir-retta alimentarja hekk likwidata;*

*5. Tordna li l-esponent jircievi l-beneficcji socjali, fosthom children's allowance, kollha relatati mal-minuri.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[2] fejn ġie eċċepit illi:

*1) Illi l-esponenti taqbel li minn relazzjoni li kellhom il-partijiet, twieldet il-minuri, E B D, nhar it-8 ta' Novembru 2017;*

---

[2] Fol. 12.

*2) Illi l-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti huma kolla infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk l-esponenti qeghda tipprocedi permezz tas-segwenti kontro-talba;*

*3) Illi kontrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, ir-relazzjoni tal-partijiet tkissret ghal ragunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti, stante li din kienet relazzjoni abusiva u vjolenti minn naha tieghu fuq l-esponenti;*

*4) Illi wkoll kontrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, kien ir-rikorrenti li dejjem cahad li l-minuri, E, kienet tieghu u fil-fatt minkejja li is-Servizzi ghall-Protezzjoni tat-Tfal kienu rrakomandaw ghal darba darbtejn, lir-rikorrenti sabiex jirrikonoxxi lit-tifla, huwa kien ghal zmien twil xorta wahda baqa' inadempjenti u minkejja d-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex il-missier jghaddi l-manteniment ta' tlett mija u hamsin Ewro (€350) ghall-minuri, E, lill-esponenti omm, huwa injora l-ordni tal-Qorti u baqa' qatt ma ghadda dan il-manteniment ghall-minuri;*

*5) Illi in realta' il-legami tat-tifla man-naha paterna, sal-lum il-gurnata stess, mhijiex mar-rikorrenti missierha izda man-nanna paterna u fil-verita' ir-rikorrenti abbuza mill-istat delikat li kienet tinstab fih l-esponenti omm wara l-mewt ta' missierha u waqt tqala travaljata, sabiex jitlob il-kura u kustodja tal-minuri u residenza tal-minuri, in realta' mhux ghalih izda ghan-nanna paterna, partikolarment ghaliex fil-verita' ir-rikorrenti lanqas joqghod fir-residenza mal-minuri, izda joqghod mal-partner tieghu, F, flimkien mat-tifla taghhom, G u t-tifel taghha, H;*

*6) Illi l-lum il-gurnata l-esponenti omm qegħda tghix hajja stabbli fir-residenza taghha mal-partner u ma' binha u ghandha wkoll impjieg fiss u għalhekk thoss li issa tista' toffri l-istabilita' u l-ambjent ta' familja tajjeb ghall-benessere tat-tifla minuri, E, u fl-ahjar interess tal-minuri;*

*7) Illi ghalhekk in vista tal-premess u ghal ragunijiet oħra li ser jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti umilment tissottometti li ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti u mhux f'idejn l-intimata u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;*

*8) Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta[3] fejn ppremettiet illi:

*1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri, E nhar it-8 ta' Novembru 2017;*

*2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet tkissret irrimedjabilment ghal ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti, stante li kien abbusiv u vjolenti mal-esponenti;*

*3. Illi kemm matul it-tqala, kif ukoll fl-ewwel snin ta' hajjet it-tifla, E, ir-rikorrenti dejjem cahad li l-minuri kienet bintu u fil-fatt dam biex jirrikonoxxi lit-tarbija u dan ghamlu biss wara li kien gie mitlub ripetutament sabiex jaghmel hekk mis-Servizzi Ghall-Protezzjoni tat-Tfal. Illi inoltre, minkejja digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta sabiex jghaddi manteniment ghat-tifla, E, ir-rikorrenti baqa' inadempjenti u fil-fatt hemm kawza pendenti;*

*4. Illi minkejja li r-rikorrenti missier jghid li jghix fid-dar tal-genituri tieghu, flimkien ma' bintu, E, in realta' huwa jghix flimkien mal-partner tieghu, F, u t-tifla taghhom, G u t-tifel taghha, H;*

---

[3] Fol. 16.

*5. Illi huwa minnu li l-esponenti omm għaddiet minn sitwazzjoni difficli bil-mewt ta' missierha u tqala travaljata, izda l-lum il-gurnata hija qegħda f'relazzjoni stabbli u tghix fir-residenza taghha flimkien mal-partner taghha u t-tarbija taghhom, kif ukoll ghandha mpjieg fiss u ghaldaqstant thoss li tista' toffri l-istabilita' u l-imhabba u l-ambjent ta' familja ghal bintha minuri, E u dan fl-ahjar interess tal-minuri;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment qed titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:*

*1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E B D esklussivament f'idejn l-esponenti, jew fin-nuqqas ta' dan li l-kura u kustodja tkun wahda kongunta, u tornda li l-minuri ghandha tirrisjedi mal-esponenti omm;*

*2. Tistabilixxi modalita' ta' access, b'salvagwardji addizzjonali jekk hekk mehtiega, li l-intimat ghandu jkollu ghall-minuri;*

*3. Tillikwida retta alimentarja li l-intimat ghandu jhallas lill-esponenti ghall-bzonnijiet tal-minuri, liema retta alimentarja ghandha tinkludi fiha s-sehem ta' l-intimat ta' l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri, u tiffissa wkoll modalita' sabiex tali retta tigi perjodikament awmentata;*

*4. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata;*

*5. Tordna li l-esponenti tircievi l-beneficcji socjali, fosthom children's allowance, kollha relatati mal-minuri.*

Rat ir-risposta tal-attur rikonvenut[4] fejn eċċepixxa kif ġej:

*1. Illi minn relazzjoni li l-partijiet kellhom flimkien twieldet il-minuri E B D nhar it-8 ta' Novembru 2017. Ir-relazzjoni tal-partijiet ilha li ntemmet, sahansitra qabel ma kienet*

[4] Fol. 25.

*ikkonfermata t-tqala, ghalkemm l-allegazzjoni li r-relazzjoni intemmet minhabba abbuz u vjolenza min-naha tal-esponent fuq ir-rikonvenzonanta hi ferm ikkontestata.*

*2. Illi kuntrarjament allegat fil-kontro-talba, l-esponent minn dejjem kien involut fil-hajja u fit-trobbija tal-minuri u dan wisq aktar in vista tal-fatt li l-hajja tar-rikonvenzjonanta ghal matul dawn l-ahhar snin u sal-lum il-gurnata kienet wahda kaotika ghall-ahhar.*

*3. Illi permezz ta' digriet datat 10 ta' Lulju 2020, din l-Onorabbli Qorti fdat il-kura u l-kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-esponent filwaqt li ordnat li l-minuri tirresjedi mal- esponent. Dan id-digriet ma nghatax in vacuo izda kien il-kulminazzjoni ta' rapporti tal-Agenzija Appogg fejn ripetutament intweriet il-preokkupazzjoni u l-biza' taghhom li r-rikonvenzjonanta ma kienitx qed tipprovdi ambjent stabbli ghall-minuri. Di più, filwaqt li eventwalment, ir-rikonvenzjonanta kienet moghtija dritt ta' access ghall-minuri, dan l-access huwa wiehed taht moniteragg mill-Agenzija Appogg.*

*4. Illi l-esponent qed jipprovdi ambjent sigur u tajjeb ghall-minuri, kuntrarjament ghal dak li r-rikonvenzjonanta tista' tipprovdi. Kien biss f'dawn l-ahhar xhur, wara d-digriet surreferit fejn gie ordnat li t-tifla tirresjedi mal-esponent, li l-minuri bdiet tgawdi minn stabbilità genwina u kostanti u ghalhekk, huwa fl-interess suprem taghha li dan l-arrangament jibqa' fis-sehh.*

*Ghaldqastant, l-esponent umilemnt jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikonvenzjonanta.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenuta rikonvenjenti;

Rat id-digriet tas-26 ta' Ottubru 2020[5] fejn il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża *entro* t-terminu stabbilit mill-liġi;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri E B D preżentat fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19, liem medjazzjoni tinsab allegata mal-proċess tal-kawża odjerna;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 2021[6] f'liema seduta l-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma l-provi f'din il-kawża bis-soliti fakoltajiet;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2022[7] il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur illi jiġu allegati l-proċeduri ta' medjazzjoni bin-numru 1342/19;

Rat il-verbali kollha u r-rapporti kollha tal-professjonisti involuti fil-każ odjern;

Rat ix-xhieda mressqa mill-attur quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat illi in vista tal-fatt li l-Qorti ffissat tliet seduti għall-provi tal-konvenuta f'liema seduti din ma dehritx, il-Qorti ordnat fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024[8] illi l-provi tal-konvenuta jingħalqu u tgħaddi għas-sentenza;

Rat l-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19, allegati mal-proċess tal-kawża odjerna;

Rat l-atti proċesswali kollha;

---

[5] Fol. 7.
[6] Fol. 62.
[7] Fol. 89.
[8] Fol. 118.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[10]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet twieldet il-minuri E B D fit-8 ta' Novembru 2017 u għalkemm l-attur ma kienx reġistrat bħalha missier it-tarbija minn meta sar iċ-ċertifikat tat-twelid huwa jgħid li minn dejjem kien fundamentali u attiv fit-trobbija ta' bintu. Wara li l-Qorti, fil-proċeduri ta' medjazzjoni ordnat illi l-kura u kustodja tkun fdata esklussivament f'idejh u wara li ma seta' jintlaħaq l-ebda ftehim bonarju mal-konvenuta, l-attur jgħid li kellu jiftaħ din il-kawża sabiex jitlob lil din il-Qorti li jkun fdat bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri u li din tirrisjedi miegħu minħabba li jgħid li hu u familtu joffru l-uniku stabbilità għall-minuri. Huwa jitlob ukoll li l-Qorti tistabilixxi modalità ta' aċċess, b'salvagwardji addizzjonali li l-konvenuta jkollha mal-minuri u tiddeċiedi dwar manteniment li għandu jitħallas mill-konvenuta omm għat-tifla.

Il-konvenuta minn naħa tagħha ma taqbilx mal-allegazzjonijiet magħmula mill-attur u tgħid li huwa dejjem ċaħad lill-minuri u tgħid li hi qed tgħix ħajja stabbli u għalhekk tipproponi kontro-talba fejn titlob lil Qorti tordna illi tkun hi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri jew fin-nuqqas li l-kura u kustodja tkun konġunta, li jiġu stabbiliti ħinijiet ta' aċċess mal-missier u li tiddeċiedi dwar manteniment li għandu jħallas l-attur missier għal binthom E.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa:

[9] Fol. 119.
[10] Verbal tal-14 ta' Mejju 2024 a fol. 118.

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mressqa Minnu:*

1. *Xhieda ta' l-attur fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2022*[11]
L-attur jispjega li hu dam f'relazzjoni mal-konvenuta għal kważi tliet snin li fihom kienu jgħixu għand ommu. Jispjega iżda, li tul ir-relazzjoni l-konvenuta kienet tiġi u titlaq spiss. Jgħid li mbagħad ħassru u qisu wara xahrejn, meta hi kienet diġà bdiet toħroġ ma' xi ħaddiehor, kienet ċemplitlu u qaltlu li tqila. Meta welldet imbagħad jgħid li kien ċempillu missierha u talbu sabiex jagħmlu t-test tad-DNA.

   Jgħid li dakinhar li ħareġ ir-riżultat kien reġa' rranġa mal-konvenuta u din reġgħet marret tgħix miegħu iżda wara madwar ġimgħa reġgħet telqet u ħalliet it-tifla għandu. Jgħid li llum it-tifla tgħix miegħu u hu jgħix ma' ommu, missieru u oħtu. Jispjega li hu bennej u jibda xogħol kmieni u għalhekk ommu twassal lit-tifla l-iskola Ħal Tarxien stess fejn joqgħodu huma. Jgħid li l-konvenuta llum tieħu lit-tifla għall-aċċess skont il-burdata u ġieli għamlet anke tliet ġimgħat ma tarax lit-tifla. Jgħid li l-Qorti kienet qatatilha d-dritt tal-aċċess. Jgħid li ġieli ċċempel u tieħu ftit lit-tifla iżda dan biss meta jiftlilha. Jgħid li meta jkun xogħol it-tifla tkun ma' ommha. Jisħaq li għandha manteniment b'lura ta' madwar elf Ewro (€1000).

2. *Xhieda ta' I B ossia omm l-attur li tixhed waqt is-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022*[12] fejn tispjega li hi tiġi omm l-attur u huma joqgħodu X, Triq it-Tabib X, Ħal Tarxien u magħha jgħixu r-raġel tagħha, missier l-attur, l-attur, it-tifla tagħha u t-tifla tal-attur E. Tgħid li meta kienet twieldet il-minuri tal-partijiet, kien ċempel missier il-konvenuta u talab lill-attur jagħmel DNA test. Jgħid li

[11] Fol. 98.
[12] Fol. 92.

kienet hi li bbukjat l-isptar Capua u r-riżultat ħareġ li l-minuri hija ta' binha, l-attur.  L-għada tgħid li ħadulhom it-tifla tgħix magħhom.

Tkompli li meta l-konvenuta kienet tqila kienet daqqa tgħix għand ommha, daqqa ġo xi *home*, daqqa mal-*partner* li kellha u daqqa ma' ħaddieħor iżda qatt ma kellha post stabbli għax anke meta ltqagħet mal-attur u bdew joħorġu flimkien hi kienet tgħix ġo *home*.  Tgħid li ta' sittax-il sena, il-konvenuta kienet diġà bil-problemi u ommha kienet tkeċċiha mid-dar.

Tgħid li l-minuri ilha tgħix magħha minn mindu din kellha tliet ġimgħat u li issa ser tagħlaq ħames (5) snin u li mnalla kienet hi għaliha.  Tkompli li t-tifla bil-għaqal ħafna u brava ħafna fl-iskola u li tibgħatha wkoll il-privat u li ser tibda tibgħatha ż-zfin biex tkun attiva.  Tgħid li omm it-tifla stess tgħidilhom li mnalla qiegħda magħhom għax ma jonqosha xejn.  Filgħodu tispjega li twassalha hi l-iskola għaliex missierha l-attur jibda xogħol kmieni.

Tgħid li meta kien ħareġ id-digriet tal-aċċess il-konvenuta kellha tieħu lit-tifla t-Tlieta u l-Ġimgħa għal erba' siegħat.  Tgħid li ġieli l-konvenuta kienet teħodha u ġieli kienet iċċemplilhom u tgħidilhom li ġralha xi ħaġa u mhux ser teħodha.  Tgħid li huma kienu jeħdulha lit-tifla ssoltu, iżda li meta kienet tmur għaliha hi, kienet tmur ma' rġiel differenti u t-tifla kienet tgħidilhom li llum ġġieldet ma' dak u l-għada ma' l-ieħor.

Tgħid li issa wara li ħareġ digriet fejn inqata' l-aċċess, il-konvenuta tagħmel kif jiftlilha.  Issemmi li s-Sibt ta' qabel ċemplitilhom u t-tifla kellha ż-żfin u ma riditx tmur ma' ommha u mal-*partner* tagħha u ommha qaltilha (lix-xhud) "*mhux problema zommuha, tistghu*

*zzommuha."* Bħala manteniment tgħid li l-konvenuta ilha ma tivversa manteniment għat-tifla minn Marzu għaliex qalet lill-attur li mhix qed taħdem. Madanakollu huma jaraw minn fuq *Facebook* li flus biex tmur fuq il-jottijiet, tagħmel id-dwiefer u l-*eyebrows* għandha għaliex hi ġġib kollox fuq il-media soċjali, anke affarijiet li mhux xierqa għal omm.

3. *Xhieda ta' Anne-Marie Ciantar in rappreżentanza tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-tfal waqt is-seduta tat-23 ta' Ġunju 2021*[13] fejn tgħid li f'dan il-każ id-Direttorat ġie involut fil-każ wara li daħal rapport fl-2017 minn naħa tal-*Family Services* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ stess peress li kien qed jiġi nnutat li l-omm ma kinitx qed taqdi l-funzjonijiet tagħha biżżejjed biex tipproteġi lill-minuri. Tispjega li anke d-dar l-affarijiet ma kienux stabbli għat-tifla. Tgħid li hi qed tixhed mhux milli rat imma minn assesjar li kien sar qabel ma daħlet hi fix-xena. Tgħid li kien sar rapport għall-Qorti f'Novembru 2019.

   Hija tispjega li lilhom irriżultalhom nuqqas ta' stabbilità minn naħa tal-omm, fejn il-konvenuta kienet tbiddel għadd ta' residenzi, tirrisjedi ġo xelters u tbiddel diversi relazzjonijiet. Ma kinitx finanzjarjament stabbli u ġiet imwissija biex ma tesponix lill-minuri għall-sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' riskju għaliha. Tgħid li dak iż-żmien minn naħa tal-missier attur, n-nanna paterna kienet involuta ħafna, u li hemm kienet qed tintlaħaq is-stabbilità meħtieġa għall-minuri. Għalhekk id-Direttorat għamel r-rakkomandazzjonijiet u għalqu l-każ.

   Tkompli tixhed, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2021,[14] li kien hemm imbagħad it-tieni rapport min-naħa tagħhom fejn

[13] Fol. 66.
[14] Fol. 73.

kien ġie rakkomandat illi l-kura u kustodja tat-tifla tiġi fdata f'idejn il-missier. Sadanittant tgħid li l-omm baqgħet tirċievi servizzi oħra minn oqsma oħra f'idejn l-Aġenzija Appoġġ speċifikament l-*OK Project* u *Opportunity Knocks* li joffru taħriġ u għajnuna fir-rigward ta' xogħol u għall-affarijiet soċjali u personali.

4. *Xhieda ta' Naomi Bellotti in rappreżentanza tac-Child Protection Services waqt is-seduta tas-26 ta' April 2022*[15] fejn tgħid li hija ġiet assenjata l-każ f'Marzu 2021 u l-iskop kien li jimmonitorjaw l-aċċess tal-omm mat-tifla, iżda mbagħad hija rrakomandat li jiġu analizzati ż-żewġ familji. Tgħid li ħareġ rapport fil-bidu ta' Diċembru 2021 fejn huma rrappurtaw ir-riżultanzi mill-assesjar tagħhom, imbagħad f'Marzu 2022 tgħid li daħħlu nota oħra biex jinfurmaw lill-Qorti li l-monitoraġġ mhux qed isir għaliex ma kienux qed jiġu nfurmati dwar il-pjanijiet tal-aċċess għaliex l-aċċess kien qed ikun irregolari.

   Tispjega li minn naħa tagħha kienet irrakomandat illi l-assesjar isir fuq iż-żewġ naħat minħabba preokkupazzjonijiet li kienet qed turi l-omm mal-ħaddiema soċjali ta kif it-tifla qed tgħix man-naħa paterna. Tgħid li f'dak il-punt ir-relazzjoni tagħhom mal-omm kienet pożittiva u li kienet tikkopera ħafna magħhom iżda mbagħad minn meta tgħid li daħlet nota sabiex il-familja kollha tkun assessjata, naqset il-kooperazzjoni minn naħa tal-omm u l-aċċess beda jkun irregolari u kien hemm inkonsistenza kbira minn naħa tagħha.

   Tgħid li mal-familja paterna ma hemmx preokkupazzjonijiet iżda tħoss li l-involviment tal-missier huwa minimu.

[15] Fol. 86.

5. *Xhieda ta' Joseph Mifsud, Kap tal-Iskola Primarja ta' Ħal Tarxien fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023*[16] fejn jgħid li t-tifla qiegħda year 1 u ftit falliet skola u jippreżenta l-attendenza tat-tifla. Jgħid li qatt ma kellhom preokkupazzjonijiet fuq it-tifla, dejjem kienet miżmuma tajjeb u *followed* minn nanna u missier it-tifla. Minn naħa l-oħra omm it-tifla qatt ma marret tfittex jew tistaqsi dwar it-tifla.

*Il-Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mressqa Minnu:*

Sfortunatament il-Qorti hija sprovvista mill-verżjoni tal-konvenuta minħabba li din ma kinitx preżenti għas-seduti mħollija lilha sabiex iġġib il-provi tagħha u ma ġabitx provi ta' xejn għalkemm hija daħlet risposta għar-rikors ġuramentat tal-attur u anke kontro-talba.

Fid-dawl tal-fatt illi l-kawża odjerna saret fuq medda ta' snin, li fiha ġew preżentati għadd ta' rikorsi mill-partijiet u rapporti minn professjonisti fil-proċeduri tal-medjazzjoni, liema proċeduri ġew allegati ma' din il-kawża u jagħtu dawl fuq is-sitwazzjoni li fiha qiegħdin il-partijiet illum, il-Qorti ser tgħaddi sabiex telenka tali rikorsi, digrieti relattivi u rapporti:

*Rikors tal-konvenuta (rikorrenti) tas-7 ta' Ottubru 2019 fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19* wara liem rikors il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex tingħata l-kura u kustodja tal-minuri E u ordnat illi l-missier jgħaddi retta alimentari fl-ammont ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) kull xahar lill-konvenuta għall-minuri liema somma tinkludi wkoll nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u nofs l-ispejjez extra-kurrikulari.

*Rikors tal-attur tat-12 ta' Novembru 2019 fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19* wara liem rikors il-Qorti

[16] Fol. 110.

appuntat lill-Aġenzija Appoġġ sabiex isir rapport dwar is-sitwazzjoni tal-minuri;

*Rapport tal-Aġenzija Appoġġ ppreżentat fl-14 ta' Jannar 2020 fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19* fejn ġie spjegat li l-każ tal-minuri kien beda jiġi segwit mit-3 ta' Lulju 2018 permezz ta' bosta interventi intensivi mal-membri kollha tal-familja konċernata. Huma rrakkomandaw illi l-omm tibqa' tirrikorri għas-servizzi neċessarji li jinkludu għajnuna psikjatrika, li l-kura u kustodja tkun fdata f'idejn iż-żewġ ġenituri u li l-minuri tibqa' tirrisjedi mal-missier minħabba li l-omm naqset milli żżomm residenza stabbli u li l-aċċess bejn il-minuri u l-omm għandu jkun regolat sabiex dan ikun wieħed regolari;

*Rapport tal-Aġenzija Appoġġ tat-8 ta' Lulju 2020 fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19* li rrakkomandaw kif ġej wara li l-konvenuta naqset milli tikkopera mal-professjonisti nvoluti u ma kienx hemm bdil pożittiv fl-istil tal-ħajja tagħha: illi l-omm tkompli tieħu s-servizzi neċessarji li jikkonsistu fl-għajnuna psikjatrika u rigward ħiliet ta' ġenitur, il-kura u kustodja tal-minuri tingħata lill-missier u l-minuri għandha wkoll tirrrisjedi miegħu minħabba nuqqas ta' stabbilità minn naħa tal-omm, il-missier jikkomunika deċiżjonijiet dwar il-minuri ma' l-omm, jiġi regolat l-aċċess mal-omm u li s-sieħeb tal-omm u *ċioé* J K m'għandux ikun preżenti waqt l-aċċess bejn il-minuri u l-omm għajr jekk il-Qorti ssibbu innoċenti mill-akkużi serji li ġie akkużat bihom;

*Digriet tal-10 ta' Lulju 2020 fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19* li bih il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur intavolati fir-rikors tat-12 ta' Novembru 2019 biex b'hekk akkordatlu l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri;

*Digriet tat-28 ta' Awwissu 2020 fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19* wara r-rikors tal-omm tat-28 ta' Lulju 2020 fejn il-Qorti qalet li ma hemmx lok li tvarja d-digriet preżenti

iżda ordnat illi l-omm ikollha aċċess għall-minuri kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa bejn l-4.00pm u t-8.00pm, liema aċċess għandu jkun *monitored* mill-Aġenzija Appoġġ.

*Rapport tal-Aġenzija Appoġġ tat-8 ta' Frar 2021 fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19 liema medjazzjoni kienet magħluqa b'digriet tal-Qorti diversament preseduta fis-26 t'Ottubru 2020* fejn il-ħaddiema soċjali tkellmu dwar il-preokkupazzjonijiet tal-omm dwar il-mod kif kienet qed titrabba t-tifla, u l-imġieba mhux xierqa tagħha, u rrakkomandaw li l-attur jagħmel iktar kuntatt hu mal-professjonisti minflok tkun ommu li tagħmel dan għaliex huwa hu li għandu l-kura u kustodja tal-minuri, u finalment li t-tifla tibda tirċievi terapija psikoloġika minħabba l-attitudni tagħha;

*Digriet tas-26 ta' Marzu 2021 fl-atti tal-kawża odjerna wara rikors tal-attur fejn jitlob li jiġi regolat il-manteniment.* Permezz ta' dan id-digriet il-Qorti ordnat lill-konvenuta tħallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat għall-bżonnijiet tal-minuri;

*Rapport tal-Aġenzija Appoġġ ppreżentat fil-15 ta' Ġunju 2021 fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19 liema medjazzjoni kienet magħluqa b'digriet tal-Qorti diversament preseduta fis-26 t'Ottubru 2020, liema rapport sar wara digriet tat-28 ta' Awwissu 2020 fejn il-Qorti kienet ordnat aċċess tal-omm għall-minuri b'monitoraġġ mill-Aġenzija Appoġġ*. Il-ħaddiema soċjali rrapportaw li l-omm kienet qed tikkopera u turi l preokkupazzjonijiet tagħha għall-mod kif kienet qed titrabba l-minuri mal-familja paterna u l-professjonisti kkummentaw fil-pożittiv dwar il-kooperazzjoni tal-omm u l-impenn tagħha biex titjieb u tirċievi s-sostenn neċessarju. Ġie rakkomandat illi minħabba allegazzjonijiet li saru miż-żewġ ġenituri fil-konfront ta' xulxin, il-każ għandu jiġi investigat fit-totalità tiegħu pemezz ta' *social work assessment* fuq il-familja kollha sabiex jingħataw rakkomandazzjonijiet dwar l-idonjetà

taż-żewġ ġenituri.  Wara risposta miż-żewġ partijiet il-Qorti ordnat b'digriet tas-26 ta' Lulju 2021 illi l-konklużjoni tal-ħaddiema soċjali tiġi addottata;

*Rapport tal-Aġenzija Appoġġ ppreżentat fl-1 ta' Diċembru 2021 intavolat fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19 liema medjazzjoni kienet magħluqa b'digriet tal-Qorti diversament preseduta fis-26 t'Ottubru 2020* fejn il-ħaddiema soċjali preżentaw stampa tal-mod kif kienet qed titrabba l-minuri mal-familja paterna fid-dawl tal-allegazzjonijiet li għamlet l-omm dwarhom.  Ġie rakkomandat illi minħabba li l-istabbilità qed tiġi minn naħa tan-nanniet paterni, huma għandhom ikunu involuti fil-kura u kustodja tal-minuri flimkien mal-ġenituri u li l-omm ikollha aċċess kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa bejn l-4.00pm u t-8.00pm u nhar ta' Sibt bejn l-10.00am u s-2.00pm liema aċċess għandu jkun monitorjat mid-Direttorat għall-Kura Alternattiva, *Supervised Access Visits Service* u li l-aċċess isir fir-residenza fejn tgħix l-omm u f'postijiet pubbliċi biex jiġu evitati djar ta' ħbieb jew għarajjes diversi;

*Rapport tal-Aġenzija Appoġġ ppreżentat fl-10 ta' Marzu 2022 intavolat fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19 liema medjazzjoni kienet magħluqa b'digriet tal-Qorti diversament preseduta fis-26 t'Ottubru 2020* fejn il-ħaddiema soċjali spjegaw li s-sitwazzjoni min-naħa tal-omm baqgħet l-istess fejn l-aċċess baqa' irregolari għall-aħħar u fejn il-monitoraġġ lanqas ma seta' jsir għaliex l-omm ma kienitx qed tinformahom fejn qed tkun bit-tifla.  Ġie suġġerit għalhekk li l-monitoraġġ jieqaf la ma kienx qed ikun effettiv u peress li t-tifla waslet f'età li hija verbali biżżejjed biex tindika x'qed jiġri waqt l-aċċess u għalhekk il-benesseri tagħha jkun salvagwardjat.

*Digriet tal-4 ta' April 2022 fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1342/19 liema medjazzjoni kienet magħluqa b'digriet tal-Qorti diversament preseduta fis-26 t'Ottubru 2020* fejn il-Qorti

ddeċidiet li twaqqaf l-aċċess tal-omm għall-minuri fl-interess suprem tal-istess.

### 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra l-ewwel issemmi l-prinċipji legali relevanti għal dan il-każ.

F'kawżi ta' kura u kustodja ġie ritenut b'mod konsistenti mill-Qrati tagħna li l-Qorti tqis bħala prinċipju ewlieni l-aħjar interessi tat-tfal li f'kawżi ta' din ix-xorta tali interessi jieħdu preċedenza fuq l-interessi ta' kull parti oħra.  Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo** irriteniet li: "*In this case the court must do what is the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court* ***must solely be guided by what is most beneficial to the child****...*"

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġurisprudenza appena ċitata, u *ċioé* l-prinċipju tal-aktar utilità u dawk tal-aktar vantaġġ għall-minuri, il-Qorti għandha l-fakoltà li abbażi tal-Artikolu 56 tal-Kap 16, saħansitra tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**[17] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[18] ġie ritneut illi l-Qorti "*filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa*

[17]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju, 2017 (Rik. Ġur. Nru. 268/11 AL).

[18] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Ġunju, 2017 (Rik. Ġur. Nru. 218/13 AL).

*dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġurisprudenza kostanti tagħna."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**,[19] il-Qorti qalet illi "*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Dan ifisser illi għalkemm il-Qorti għandha l-obbligu illi tisma' ż-żewġ partijiet, hija trid tara li ma titħawwadx fil-lanjanzi miġjuba quddiemha mill-ġenituri kontra xulxin meta tiġi biex tiddeċiedi dwar dak li jolqot lit-tfal. Dan jista' jtellef milli tittieħed deċiżjoni oġġettiva dwar il-kura u kustodja u aċċess u kull deċiżjoni oħra fl-aħjar interessi tat-tfal. Huwa għal dan il-għan illi f'dawn it-tip ta' każijiet il-Qorti titlob l-opinjoni ta' esperti fil-qasam li jkunu jistgħu jiltaqgħu maż-żewġ ġenituri, familjari tat-tfal u t-tfal infushom anke f'ambjenti li jkunu qed jittrabbew fihom it-tfal. Il-Qorti tisħaq illi kull deċiżjoni f'dan ir-rigward għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar interessi tat-tfal sabiex ikun żgurat illi dawn ikunu mdawwra bl-imħabba u l-għożża meħtieġa ta' ġenituri li huma kapaċi *li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw* lil uliedhom f'ambjent stabbli u kalm.

Il-Qorti, kif tenniet ukoll konsistentement tara ċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari, speċjalment fejn jidħlu minuri fejn kull każ iġib miegħu ħtiġijiet u neċessitajiet partikolari għal dawk il-minuri fl-ambjent li jipprovdulhom il-ġenituri tagħhom.

Illi fejn jidħol l-aċċess tal-ġenitur li miegħu ma jkunux qed jirrisjedu l-minuri *in kwistjoni*, din il-Qorti tagħmel tagħha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża

---

[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Diċembru 1858.

fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**[20] fejn ġie osservat illi: *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."*

Iż-żewġ ġenituri għandhom ukoll l-obbligu li minbarra li jikkuraw u jindukraw lil uliedhom, imantnuhom. Il-prinċipju legali fir-rigward tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kap 16 li jipprovdi kif ġej:

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici.*"

Kif jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-Liġi, l-ġenituri għandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iż-żewġ ġenituri, **miżżewġin jew le,** għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-ulied. Għaldaqstant kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li wliedu għandhom manteniment adegwat li *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiż (1) u (2) tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied huwa **kull wieħed skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kap 16** li jipprovdi kif ġej:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.*

[20] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008.

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust"*

Kif jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea**[21]: "*Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom*." Madanakollu wieħed ma jistax jinjora l-fatt li l-liġi ssemmi li l-manteniment għandu jiġi kkalkulat mhux biss fuq l-introjtu tal-ġenituri iżda fuq **il-bżonnijiet tal-minuri** li jridu jiġu kkalkulati mill-Qorti fuq provi ta' bżonn li jġibu l-partijiet. Ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana wkoll illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[22]

[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019.
[22] Deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik Nru 152/16 AL).

Il-Qrati jikkunsidraw il-mezzi ta' kull parti skond l-Artikolu 20 iżda ma jfissirx li wieħed jista' jabdika mill-obbligu li jipprovdi għal uliedu għaliex sempliċiment jgħid li ma għandux mezzi u għalhekk ma għandux dħul. Kif tgħid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Nicholas Farrugia vs Christabel Zerafa**[23] "*22. Il-fatt waħdu li ġenitur ma jaħdimx ma jfissirx li awtomatikament m'għandux obbligu li jmantni lil uliedu*." Iż-żewġ partijiet għandhom obbligu fil-konfront tat-tfal li ġabu fid-dinja u għalkemm il-Qorti għandha tqis il-mezzi tagħhom u x'jistgħu rejalment jipprovdu, trid tgħaddi l-messaġġ li t-tfal huma responsabbilità kbira u wieħed għandu jieħu fuqu l-obbligi li dan iġib miegħu.

Magħdud ma' dan ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[24] Kif jingħad mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Angela Conti vs Lawrence Bonnici**[25] "*Wiehed l-ewwelnett jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel il-Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skond l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas."*

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Il-Qorti għandha quddiemha koppja li temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom u li issa t-tnejn qed jagħmlu talbiet dwar kura u kustodja u manteniment tal-minuri E B D li twieldet minn relazzjoni ta' bejniethom.

Wara li l-partijiet ma baqgħux f'relazzjoni bejniethom il-konvenuta saret taf li hija tqila. Missierha talab li l-attur

[23] Deċiża fid- 9 ta' Diċembru, 2021 (App. Nru. 292/15/1 AVG).
[24] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik. Ġur Nru. 152/16 AL).
[25] Deċiża fis-6 ta' Frar 2015.

jagħmel test tad-DNA u dan minħabba li hi diġà kienet f'relazzjoni oħra u għalhekk seta' daħal id-dubju dwar il-paternità. Jirriżulta li t-tarbija kienet ta' l-attur u l-attur għal xi raġuni li ma tirriżultax mill-proċeduri dam ma jirrikonoxxi lit-tarbija legalment, madanakollu ommu tixhed illi "*Meta harget li hija tat-tifel tieghi, l-ghada gabulna t-tifla*"[26], u minkejja li f'diversi rikorsi u risposti l-konvenuta tgħid li t-tifla kienet toqgħod magħha mhux mal-missier, diversi rapporti tal-Aġenzija Appoġġ bdew jixhdu mod ieħor u omm l-attur tidher li ħadet fuqha għal kollox il-kura u kustodja effettiva tal-minuri. Jidher li r-residenza tal-missier, meta kien f'relazzjoni mal-konvenuta, kienet mal-ġenituri tiegħu u l-minuri mill-bidu kienet taf dak l-ambjent għaliex missierha u ommha kienu jirrisjedu man-nanna paterna u għalhekk it-tifla trabbiet hemm.

Minkejja li l-konvenuta tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha għat-talbiet tal-attur kif ukoll kontro-talba, u tressaq diversi rikorsi kemm fl-istadju tal-medjazzjoni kif ukoll tul il-kawża, tonqos imbagħad milli ġġib il-provi minn naħa tagħha. Għalhekk il-provi li l-Qorti għandha quddiemha huma dawk prodotti mill-attur, li kien konsistenti ferm fil-proċediment tal-kawża, u d-diversi rapporti tal-ħaddiema soċjali li jidher li segwew dan il-każ bir-reqqa u b'dedikazzjoni.

Minkejja li fis-7 ta' Ottubru 2019[27] l-konvenuta ngħatat il-kura u kustodja tal-minuri, fit-12 ta' Novembru 2019 l-attur intavola rikors fejn jgħid li dak li qalet il-konvenuta fir-rikors tagħha huwa mifni gideb u li t-tifla hija effettivament residenti fid-dar ta' ommu u li minn meta twieldet dejjem ħadu ħsieb l-affarijiet tat-tarbija huma. Jidher li f'dan il-punt l-Aġenzija Appoġġ diġà kienet bdiet tagħmel l-interventi tagħha u tinvestiga l-każ. F'dan il-punt l-omm kienet tbiddel diversi residenzi u skont l-attur ma setgħetx tagħti lit-tifla l-istabbilità meħtieġa u għalhekk hi stess tgħid lill-omm l-attur (messaġġi

---

[26] Fol. 92.
[27] Meta l-kawża kienet għada fi stadju ta' medjazzjoni.

preżentati mar-rikors) li jkun aħjar jekk irabbuha huma. Isiru wkoll allegazzjonijiet dwar il-*partner* tal-konvenuta.

Fil-fatt fl-14 ta' Jannar 2020, il-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ jippreżentaw rapport fejn jirraportaw li l-każ ilu jiġi segwit mill-2018 u għalhekk meta t-tifla kellha biss ftit xhur. Hawn il-konvenuta omm tgħid lill-ħaddiema soċjali illi l-missier kellu relazzjoni tajba ħafna mal-minuri u ċaħdet li kien abbużiv magħha. Jgħid ir-rapport li l-pedjatra tal-Appoġġ għamlet ukoll vista lit-tifla u kienet kuntenta bl-iżvilupp tal-minuri. Saret ukoll vista ġewwa d-dar paterna fis-7 ta' Settembru 2018 u jingħad li din kienet mgħammra bin-neċessitajiet kollha għat-trobbija tal-minuri. Minn naħa tal-omm, iżda, ġiet innutata nuqqas ta' konsistenza kbira apparti r-residenzi varji li kienet tgħix fihom. Iktar ta' nkwiet minn hekk, kien l-aġir tal-omm li l-Qorti tinnota li kien wieħed immatur u mhux denju ta' omm li qed trabbi meta kienet qed tifrekwenta *partner* li anke tajjar lil ex-sieħba tiegħu bil-karozza u għalkemm it-tifla ma kinitx preżenti l-omm naqset milli ġġib quddiem għajnejha l-konsegwenzi li l-aġir tagħha jista' jkollu fuq it-tifla.

Hawnhekk ġie rakkomandat li l-kura u kustodja tingħata liż-żewġ partijiet, madanakollu sar rapport ieħor fit-8 ta' Lulju 2020 fejn tirriżulta l-irresponsabbilità fl-attitudni tal-omm fejn kienet qed tiġi offruta l-għajnuna kollha, b'danakollu l-Aġenzija Appoġġ lanqas kien qed jirnexxielhom jagħmlu kuntatt magħha minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni minn naħa tagħha. Il-Qorti tistmerrah din l-attitudni meta l-omm kienet qed tiġi offruta għajnuna professjonali b'xejn sabiex titjieb hi bħala persuna u r-relazzjoni ta' ma' bintha stess u kienet qed tiġi taqa' u tqum b'dan il-mod. Meta fl-aħħar il-ħaddiem soċjali rnexxielu jikkuntatjaha "*hi sostniet illi kienet ix-xewqa tagħha li taqta' l-kuntatti ma kwalunkwe ħaddiema soċjali nvoluta".* L-omm ċaħdet li għandha bżonn l-għajnuna minkejja l-assoċjazzjoni mal-*partner* li kellha u li kienet qed tistenna tarbija oħra f'dan l-isfond. Hawn ġie rakkomandat

illi l-kura u kustodja tingħata lill-missier b'aċċess għal l-omm u fil-fatt b'digriet tal-10 ta' Lulju 2020, il-kura u kustodja tal-minuri ngħatat lill-missier u b'digriet tat-28 ta' Awwissu 2020 il-Qorti rregolat ukoll il-ħinijiet tal-aċċess tal-omm biex b'hekk hija ma setgħetx tgħid li l-missier mhux jikkopera biex tingħata aċċess għall-minuri.

L-omm imbagħad għaddiet minn perjodu aħjar fejn bdiet tikkopera mal-ħaddiema soċjali u anke ssemma l-preokkupazzjonijiet tagħha dwar il-benesseri tat-tifla. L-omm tgħid li l-attitudni tat-tifla magħha kienet ħażina ħafna fejn tkun vjolenti magħha u ma tikkalkulahiex u d-Direttorat osservaw huma wkoll din l-imġieba min-naħa tat-tifla. L-omm uriet inkwiet ukoll dwar il-piż tat-tifla li kellha biss tliet snin u diġà kienet tiżen 29kg. Il-ħaddiema soċjali innutaw anke li t-tifla titkellem ħażin u ġġib ruħha ħażin anke magħhom. Meta mitkellma ż-żewġ partijiet jidher li huma jwaħħlu f'xulxin. Ġie rakkomandat li l-minuri tingħata terapija minħabba f'dan. Fir-rapport sussegwenti jirriżulta li l-omm baqgħet tikkopera u ġie nnutat li qed tieħu ħsieb in-neċessitajiet tal-minuri u tippjana l-ħruġ magħha u tara kif se tagħti sostenn lit-tifla meta din turi mġieba diffiċli. Sadanittant jibqa' pero` jirriżulta inkonsistenza min-naħa tal-omm u l-minuri tidher tagħmel *tantrums* għax ma tieħux li trid u drabi oħra tidher kuntenta fil-preżenza tal-omm.

Il-Qorti tirreleva li l-minuri E għaddiet minn trobbija diffiċli ħafna fejn l-ispazju sigur tagħha li kellu jkun fi ħdan il-familja tagħha, kien qed ġie misruq minnha u fejn il-ġenituri, speċjalment l-omm, ftit kienu qed jagħmlu biex jippruvaw joħolqu din l-istabbilità f'ħajjet it-tifla. Ma hux sorprendenti li t-tifla kellha mumenti fejn bdiet taġixxi b'mod ħażin forsi anke biex togħġob lill-parti u mhux oħra u sforz it-turbolenzi kollha li kellha f'ħajjitha. Għalkemm hija bħala tifla kienet tħobb lil ommha din kienet qed tiddiżappuntaha u tgħaddiha minn perjodi li taraha u tiltaqa' magħha u għalhekk it-tifla tista' tħoss l-imħabba tal-omm u drabi oħra fejn din tisparixxi

jew teħodha biss meta jaqblilha hi. Min-naħa l-oħra, it-tifla tidher li sabet l-ispazju sikur tagħha għand in-nanna paterna.

Sadanittant il-ħaddiema soċjali jippreżentaw rapport ieħor fejn jirrapportaw dwar l-ambjent li qed tgħix fih il-minuri flimkien ma' missierha u n-nanniet paterni fl-1 ta' Diċembru 2021 wara li l-omm uriet ċertu preokkupazzjoni magħhom. Ġie evalwat l-ambjent fejn kienet qed titrabba t-tifla u ġiet mitkellma l-iskola fejn kienet tattendi t-tifla u fil-fatt ma ġew innutati l-ebda preokkupazzjonijiet. Min-naħa tal-iskola wkoll jixhed il-Kap tal-Iskola tal-Primarja ta' Ħal Tarxien fejn jgħid li t-tifla "*dejjem kienet mizmuma tajba, liebsa tajjeb tigi, lunch ikollha, tattendi regolari, parents' day dejjem attendew kemm il-missier u n-nanna jigiefieri mhux ma tattendi xejn, il-homework taghmlu wkoll."* Iżda fir-rigward tal-omm "*Qatt ma giet tfittex jew tistaqsi dwar it-tifla jew hekk."*[28]

Jingħad li r-residenza kienet nadifa anke meta l-visti saru għall-għarrieda u l-imġieba tat-tifla kienet differenti wkoll minn ma' l-omm, fejn dehret li kienet kalma u ubbidjenti għalkemm f'dan il-punt anke l-omm qalet li l-aġir tat-tifla kien aħjar u t-tifla bdiet anke tonqos fil-piż. In-nanna paterna fil-fatt saħqet li kienu qed joqgħodu attenti li t-tifla tingħata dieta bilanċjata. L-omm min-naħa l-oħra tgħid li tagħtiha li trid biex tikkuntentaha. Ovjament il-Qorti tifhem illi l-omm ma tkunx trid tidher kerha mal-minuri fil-ftit ħin li taraha iżda l-maturità ta' omm titlob li l-omm tagħraf li għandha bżonn tqatta' iktar ħin mat-tifla sabiex tkattar ir-relazzjoni, fejn tista' tagħmel dak li bħala omm hija mistennija li tagħmel fosthom li tiddixxiplina lit-tifla.

Madanakollu sar proprju l-kontra min-naħa tal-omm fejn jirriżulta li l-monitoraġġ tal-aċċess beda jsir diffiċli għaliex l-aċċess kien irregolari għall-aħħar. Jingħad fil-fatt fir-rapport li "*Jidher li l-omm tgħaddi minn perjodi f'ħajjitha, fejn kultant titlef ftit it-triq.* ***Ma jidhirx li wieħed jista' jorbot fuqha fejn***

[28] Fol. 110.

***tidħol it-trobbija tal-minuri***" Ikompli jingħad illi "*Mill-assessment jidher car li l-kura primarja tal-minuri E qiegħda f'idejn in-nanna paterna l B.* ***Jidher li l-minuri qiegħda stabbli kif inhi. Jidher li għandha dak kollu li hu meħtieġ u tidher kuntenta wkoll.*** *Jidher li l-minuri qed tirċievi stabbilita' min-naħa tan-nanniet paterni, li jidhru li għandhom għal qalbhom l-aħjar interess għall-minuri. Filwaqt li l-ġenituri qed juru li wieħed mhux dejjem jista' jorbot fuqhom.*

***L-omm min-naħa l-oħra qed turi li ma tistax tkun fdata bil-kura tal-minuri b'mod permanenti, minħabba l-inkonsistenza tagħha u nuqqas ta' kooperazzjoni mas-servizzi biex isir il-moniteraġġ.*** *Għaldaqstant, il-ħsieb li qed tieħu lill-minuri ma' ħbieb 'l hawn u l'hinn u anke jinqalgħu argumenti, jidher li huwa fondat."*

L-imġieba tal-omm baqgħet sejra lura sakemm l-aħħar rapport tal-Aġenzija Appoġġ saħanistra jgħid li l-monitoraġġ tal-aċċess mal-omm ikollu jieqaf għaliex din ma kienet qed tikkopera bl-ebda mod, u tinfurmahom li ma tkunx marret għat-tifla. Din l-attitudni effettivament giet riflessa fil-fatt li fil-Qorti l-konvenuta ma ġabet l-ebda prova u wriet indifferenza kbira għall-proċeduri li qabel tant kienet iġġieldet għalihom. Dan jgħid ħafna dwar il-karattru tal-konvenuta li taħseb li tista' tgħix ħajjitha kif trid u meta trid tagħmel ftit kuntatt ma' bintha qisha din xi oġġett li tista' tilgħab bih meta trid imbagħad titfgħu lura f'ambjent fejn għandha rasha mserrħa li qed jiġi ikkurat. Minkejja li hija ngħatat l-għajnuna kollha biex tkun tista' tirriforma ruħha, tikber u titgħallem dwar it-trobbija tat-tifla, il-konvenuta tat bis-sieq dan kollu u baqgħet tgħix ħajja kaotika li fiha ovvjament ma setgħetx tinkorpora l-bżonnijiet tat-tifla. Hija tallega għadd ta' drabi wkoll li l-attur ma kienx qed jagħtiha aċċess għat-tifla biex imbagħad meta dan ġie regolat mill-Qorti xorta ma eżerċitatux hija stess.

Jidher mill-proċess li l-omm ingħatat għadd ta' ċansijiet iżda kif ingħad mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna l-interess tat-

tfal għandu jiġi l-ewwel u l-ġenituri għandhom ikunu li jduru mal-bżonnijiet tat-tfal, mhux bil-kontra. Il-missier min-naħa tiegħu għandu wkoll jagħmel iktar sforz biex ikun preżenti f'ħajjet it-tifla u mhux jistrieħ daqsekk fuq il-ġenituri tiegħu.

Kif ċitat iktar il fuq u jkompli jkun imtenni fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD**[29]: *"Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.""*

Il-Qorti tara li jkun fl-interess suprem tal-minuri illi l-kura u kustodja tingħata lill-missier b'dak illi l-minuri tirrisjedi miegħu fid-dar tan-nanniet paterni li jkunu involuti fil-kura u kustodja tagħha.

Il-Qorti madanakollu ma hiex b'daqshekk ser twaqqaf b'mod permanenti kull kuntatt bejn l-omm u l-minuri speċjalment fid-dawl tal-fatt illi t-tifla tal-partijiet għaliex temmen fis-sħieħ li ż-żewġ ġenituri huma mportant f'ħajjet it-tifla. Madanakollu hija moralment konvinta illi dan ma jistax isir qabel il-konvenuta ma turix ir**-rieda soda li tixtieq terġa' tistabilixxi kuntatt konsistenti ma' bintha**, kif ukoll li lesta tattendi għal terapija li għandha twassal għall-eventwali eżerċizzju ta' aċċess għall-minuri. Ghal dan il-fini il-Qorti tappunta lill-psikologa Dr. Moira Borg (jew psikologu ieħor nominat mill-Qorti f'każ li jirriżulta li Dr. Moira Borg ma tistax jew ma tkunx f'pożizzjoni li tadempixxi dan l-inkarigu), sabiex a spejjeż tal-konvenuta, iżomm sessjonijiet ta' terapija għall-konvenuta bil-modalita` u frekwenza li jistabblixxi l-Psikologa. L-iskop

[29] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Frar 2018 (Rik. Gur. Nru 39/17).

ta' tali eżerċizzju huwa biex iwassal għal sitwazzjoni fejn il-konvenuta teżerċita aċċess għal bintha kemm-il darba jsir rikors fuq rakkomandazzjoni ta' l-istess espert psikologa li jkun sar biżżejjed żvilupp fil-maturita` tal-konvenuta bħala omm, sabiex ir-relazzjoni ma' bintha tista' tibda tkun influwenza pożittiva għall-minuri speċjalment fid-dawl tal-fatt li r-relazzjoni tal-omm u l-minuri hija waħda inkonsistenti għall-aħħar.

In vista li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivament f'idejn l-attur u per konsegwenza l-minuri tgħix miegħu, il-konvenuta għandha minimament tivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri binthom. Kif ritenut fil-ġurisprudenza "*il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat*."[30] Skont l-Artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta *Il-manteniment għandu jingħata skont* ***il-bżonn ta' min jitolbu*** *u* ***l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

Filwaqt li l-missier għandu xogħol fil-kostruzzjoni u hu jiddikjara li għandu paga ta' madwar elf u mitejn Ewro (€1200) fix-xahar, jirriżulta mill-*employment history* tal-konvenuta[31] li l-konvenuta lanqas ma taħdem b'mod konsistenti u meta kienet taħdem kienet l-aktar taħdem bħala *sales assistant*. Madanakollu ma tinġieb l-ebda prova li hija ma tistax taħdem u fuq kollox il-piż ma jistax jintefa' għal kollox fuq ġenitur wieħed speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-omm lanqas ma hi ser tkun qed toħroġ spejjeż għal affarijiet ta' kuljum tat-tifla għaliex it-tifla ma toqgħodx magħha u ilha ma tagħmel dan għal snin sħaħ.

Ma nġabu l-ebda provi dwar il-bżonnijiet tal-minuri ħlief dak li jingħad fir-rikors tal-attur tat-2 ta' Marzu 2021 fejn jiġi

[30] *Vide* Tiziana Caruana vs Redent Muscat (Rik. Nru. 272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (Rik. Nru. 219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019.
[31] Fol. 71.

preżentat elenku ta' spejjeż bażiċi mingħajr irċevuti jew dokumenti oħra ta' provi annessi. Dawn l-ispejjeż il-Qorti tagħraf li jridu jsiru bilfors għat-trobbija tal-minuri.

Il-Qorti għalhekk ser iżżomm mad-digriet tagħha tas-26 ta' Marzu 2021 u tasal għal ammont kif jitlob l-Artikolu 20 tal-Kap 16. Il-Qorti tiddeċiedi fuq ammont minimu ta' mitejn u ħamsa u għoxrin Ewro (€225) fix-xahar li għandha tħallas il-konvenuta lill-attur għall-bżonnijiet tal-minuri li fil-ħajja tal-lum tapprezza li huma bażiċi għat-trobbija tat-tfal liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Dan l-ammont jinkludi fih spejjeż ta' edukazzjoni u saħħa. Il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri E tagħlaq tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiċħad l-ewwel talba rikonvenzjonali u tafda l-kura u kustodja tal-minuri E esklussivament f'idejn l-attur b'dan illi l-minuri tirrisjedi mal-missier fid-dar tan-nanna paterna;

2. Tiddeċiedi dwar it-tieni talba attriċi u t-tieni talba rikonvenzjonali billi tappunta lill-psikologa Dr. Moira Borg (jew psikologu ieħor nominat mill-Qorti f'każ li jirriżulta li Dr. Moira Borg ma tistax jew ma tkunx f'pożizzjoni li tadempixxi dan l-inkarigu), sabiex a spejjeż tal-konvenuta, iżomm sessjonijiet ta' terapija

għall-konvenuta bil-modalità u frekwenza li jistabblixxi l-Psikologa. L-iskop ta' tali eżerċizzju huwa biex iwassal għal sitwazzjoni fejn il-konvenuta teżerċita aċċess għal bintha kemm-il darba jsir rikors fuq rakkomandazzjoni ta' l-istess espert psikologa li jkun sar biżżejjed żvilupp fil-maturità tal-konvenuta bħala omm, sabiex ir-relazzjoni ma' bintha tista' tibda tkun influwenza pożittiva għall-minuri speċjalment fid-dawl tal-fatt li r-relazzjoni tal-omm u l-minuri hija waħda inkonsistenti għall-aħħar.

3. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba attriċi u tiċħad it-tielet u r-raba' talba rikonvenzjonali u tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur l-ammont ta' mitejn u ħamsa u għoxrin Ewro (€225) fix-xahar għall-bżonnijiet tal-minuri liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Dan l-ammont jinkludi fih spejjeż ta' edukazzjoni u saħħa. Il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri E tagħlaq tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel.

4. Tilqa' l-ħames talba attriċi u tiċħad il-ħames talba rikonvenzjonali u tordna li l-attur għandu jipperċepixxi kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta.